MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 203/2009/2

**Avukat Generali**

**v.**

**Kap tas-Servizz tas-Sigurta`, ir-Registratur, Qrati u Tribunali Kriminali u, ghal kull interess li jista' jkollu, Marco Pace**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors li ressaq l-Avukat Generali fit-3 ta' Marzu 2009, li jaqra hekk:

"**<u>Dikjarazzjoni tal-oggett tal-kawza</u>**

“Illi skond l-Artikolu 786(2) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, ir-rikorrent jista’ jidher f’kawzi li jinteressaw l-ordni pubbliku u sa fejn ghandu x’jaqsam l-interess pubbliku u ma tista’ tinghata l-ebda eccezzjoni tal-illegittimita` tal-persuna fil-konfront tieghu f’kawzi dwar l-istess;
“Illi din hi kawza li tinteressa l-ordni pubbliku u ghandha x’taqsam ma’ l-interess pubbliku;

“Illi l-Artikolu 18 tal-Att dwar is-Servizzi ta’ Sigurta` jipprovdi li:

““(1) Fi procedimenti li jsiru quddiem xi Qorti jew Tribunal, ma ghandha tingieb ebda prova u ma ghandha ssir ebda mistoqsija waqt kontro-ezami li (f’kull kaz) ittendi li tissugerixxi:

““(a) li jkun sar jew ser isir reat taht l-Artikolu 15 (Projbizzjoni ta’ intercettazzjoni) jew 16 (zvelar ta’ messaggi ecc.) ta’ dan l-Att minn xi persuna minn dawk imsemmija fis-sub-artikolu (2) ta’ dan l-artikolu;

““jew

““(b) li jkun inhareg jew ikun ser jinhareg mandat *(warrant)* lil xi hadd minn dawk il-persuni;

““Izda ebda haga f’dan is-sub-artikolu ma ghandha titqies li tippreskludi l-kxif, filwaqt li tinghata xhieda, ta’ informazzjoni li tkun tista’ tinkixef skond dan l-Att jew taht kull depozizzjoni ohra tieghu.

““(2) Il-persuni msemmija fis-sub-artikolu (1) ta’ dan l-artikolu huma:

““(a) Kull membru tas-Servizz tas-Sigurta`, ..................”;

“Illi fis-seduta tal-14 ta’ April, 2008 fil-Qorti tal-Magistrati, Malta bhala Qorti Istruttorja fil-kumpliazjoni fl-ismijiet **Il-**

**Pulizija (Spettur Chris Pullicino) v. Marco Pace**, il-Qorti tat digriet illi permezz tieghu ddecidiet illi:

““Ghaldaqstant il-Qorti tordna lix-xhud Adrian Grima jesebixxi l-mandat li awtorizza l-intercettazzjoni tat-telefonata li trid tipprezenta l-prosekuzzjoni u tipprojbixxi lill-partijiet, f’dan l-istadju, milli jaghmlu domandi dwar il-kontenut tal-istess *warrant*.”

“Illi ghalkemm l-attur u l-konvenut Kap tas-Servizz tas-Sigurta` ghamel rikors ghar-revoka *contrario imperio*, tal-istess digriet (Dok A), il-Qorti tal-Magistrati kkonfermat l-istess ordni permezz ta’ Digriet tas-27 ta’ Frar 2009 (Dok B);

“Illi ghalhekk il-Kap tas-Servizz tas-Sigurta` esebixxa l-imsemmija mandati;

“Illi tali ordni tal-Qorti tal-Magistrati u l-agir tal-konvenut Kap tas-Servizzi tas-Sigurta` in konformita` ma’ l-istess hu manifestament kontra d-dispost tal-Artikolu 18 tal-Att dwar is-Servizz tas-Sigurta` u jmur kontra l-ordni pubbliku u l-interess pubbliku u hu illegali;

“**<u>Ir-raguni tat-talba</u>**

“Illi l-Qorti tal-Magistrati ma kellha ebda setgha taghti tali ordni u jekk kellha xi dubju jekk l-Att dwar is-Servizz tas-Sigurta` jmur kontra xi dritt protett bil-kostituzzjoni jew il-Kap. 319 hi setghet biss taghmel referenza tal-kwistjoni lill-Prim Awla tal-Qorti Civili, fejn il-kwistjoni kienet tkun dibattuta u deciza bi dritt ta’ Appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali;

“**<u>It-talbiet</u>**

“Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex din il-Qorti prevja id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha xierqa u opportuni ma ghandhiex:

“1. tiddikjara illi l-ordni tal-Qorti tal-Magistrati fuq riferit u l-agir tal-konvenut Kap tas-Servizz tas-Sigurta` in

konformita` ma' tali ordni jmur kontra d-dispost tal-Artikolu 18 tal-Att dwar is-Servizz tas-Sigurta` (Kap. 391) u ghalhekk kemm l-istess ordni kif ukoll l-agir li sar minhabba fih huma illegali u ghalhekk nulli u bla effett;

"2. tordna lill-konvenut Registratur tal-Qorti biex minnufih jikkunsinna lura lill-konvenut Kap tas-Servizz tas-Sigurta` l-mandati minnu esebiti, u dan minghajr ma ssir ebda kopja tal-istess; u

"3. tordna lill-Kap tas-Servizz tas-Sigurta` biex la jixhed dwar l-ezistenza *o meno* tal-imsemmija mandati u li jzomm ghandu l-istess mandati u ma jaghtihom lil hadd u lanqas jaghti kopja ta' jew juri l-istess lil xi hadd, hlief lill-Kummissjunarju mahtur taht l-Artikolu 12 tal-istess Kap. 391 skond kif jiddisponi l-istess Att dwar is-Servizz tas-Sigurta`.

"Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minnu issa ngunti ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta guramentat tal-Kap tas-Servizz tas-Sigurta` li in forza taghha eccepixxa illi:

"Illi l-esponent jaqbel illi kull ordni illi tmur kontra d-dispost tal-Artikolu 18 tal-Att dwar is-Servizz tas-Sigurta` (Kap. 391) tivvjola l-istess Att u l-ordni pubbliku u hija karenti minn fundament legali u ghalhekk ghandha tigi dikjarata nulla u minghajr effett."

Rat ir-risposta guramentata ta' Marco Pace li in forza taghha eccepixxa illi:
"1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur, kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

"2. Illi, preliminarjament, in-nuqqas ta' kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti biex tiddeciedi l-mertu odjern u dan in kwantu li din l-Onorabbli Qorti ma inghatatx bhala setgha, il-kompetenza ta' Qorti tal-Appell minn digrieti interlokutorji moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati – id-dritt penali jipprovdi ghal dritt ta' appell minn digriet

interlokutorju biss lill-Qorti tal-Appell Kriminali flimkien mas-sentenza finali fejn tali sentenza hija appellabbli, liema dritt ma japplikax ghall-proceduri istruttorji;

“3. Illi, preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-irritwalita` tal-inkluzjoni tar-Registratur Qrati Civili u Tribunali fil-proceduri odjerni, u dan stante li anke fi kwalunkwe kaz ta’ ezitu favorevoli ghall-attur, ser ikun impossibbli ghall-konvenut Registratur Qrati Civili u Tribunali illi jinforza s-sentenza li kapaci tinghata fil-konfront tieghu;

“4. Illi preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, in-nuqqas ta’ integrita` ta’ gudizzju, stante illi l-Kummissarju tal-Pulizija m’huwiex indikat bhala parti fil-kawza odjerna;

“5. Illi preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-illegittimita` tal-attur li jistitwixxi huwa stess din il-procedura stante li l-Artikolu 786(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta jaghti dritt lill-Avukat Generali sabiex huwa **jidher** meta hekk awtorizzat mill-awtorita` kompetenti, f’kawzi li jinteressaw l-ordni pubbliku u sa fejn ghandu x’jaqsam l-interess pubbliku, **u mhux li jintavola proceduri huwa stess ghal dan il-ghan**;

“6. Illi preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, qieghed jigi eccepit l-intempestivita` tal-kawza odjerna, stante li l-Kodici Kriminali jistipula liema huwa l-*forum* kompetenti sabiex jiddeciedi jekk tali mandati ghandhomx jiffurmaw parti mill-atti tal-kumpilazzjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Marco Pace** u/jew humiex prova rilevanti li tista’ tingieb quddiem min sejjer jiggudika dan il-kaz;

“7. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-Artikolu 18 tal-Att dwar is-Servizzi tas-Sigurta` (Kap. 391) m’ghandu qatt jigi interpretat b’mod illi jillimita f’kamp hekk essenzjali l-operat tal-Artikolu 397(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, li jaghti poteri ampji lill-Magistrat sedenti waqt proceduri penali sabiex issir investigazzjoni shiha tal-kaz in ezami fl-interess tal-

gustizzja, tenut kont ukoll tal-gravita` tal-akkuza mressqa kontra l-eccipjenti;

“8. Illi n-necessita` tal-produzzjoni tal-mandati in kwistjoni kienu rikjesti fl-interess tal-gustizzja, u wiehed ghalhekk irid jiddistingwi sew bejn dak li huwa neccessarju fl-interess pubbliku, u d-drittijiet fundamentali tal-esponenti, tas-smiegh u difiza xierqa, u sabiex ikunu zgurati li ma jkunx hemm abbuz ta’ poter da parti tas-Servizzi tas-Sigurta` u l-Awtoritajiet l-ohra;

“9. Illi l-eccipjenti jissottometti bl-akbar rispett illi l-jedd tal-privatezza huwa r-regola, u l-ezercizzju odjuz tal-intercettazzjoni ta’ komunikazzjonijiet privati, anke jekk jista’ jkun meqjus bhala fl-interess ta’ ordni pubbliku, ghandu jkun l-eccezzjoni li tintuza b’cirkospezzjoni u biss fejn assolutament necessarju, regolata mil-Ligi u kontrollata mill-awtoritajiet gudizzjarji, sabiex b’hekk jigu mharsa d-drittijiet fundamentali tac-cittadini, fosthom l-eccipjenti;

“10. Illi inoltre, l-interpretazzjoni moghtija mill-attur fil-premessi tar-Rikors Guramentat odjern, ikollha l-effett illi tipprekludi lill-imputat, ossia l-eccipjenti, milli jipprepara difiza adegwata u xierqa, billi jkun jista’ jirreferi ghal provi li suppost jingiebu kontrih, kif inhuwa d-dritt fundamentali tieghu;

“11. Illi jezisti dubju serju dwar il-legalita` u validita` kostituzzjonali tal-Artikolu tal-Ligi citat mill-attur, u dan ghaliex fl-ewwel lok, qieghed jigi inferit fil-fatt, bi ksur lampanti tal-principju tal-Rule of Law, illi l-Kap tas-Servizzi tas-Sigurta` huwa ’l fuq mil-Ligi, bi ksur lampanti billi ghandu poteri u mansjonijiet li l-Qrati taghna ma jistghux jissindikaw, b’mod ghalhekk illi poter gudizzjarju jigi effettivament ezawtorat biex il-Kap tas-Servizzi tas-Sigurta` f’dan il-kuntest illi ma jkunx soggett ghall-ebda kontroll f’materja ta’ inkursjoni fid-drittijiet fundamentli tac-cittadin, senjatament id-dritt ta’ privatezza – sitwazzjoni illi certament tirrazenta stat polizzjesk u ma setghet qatt kienet l-intenzjoni tal-Legislatur f’socjeta` moderna demokratika u ghalhekk jehtieg li dan il-punt jigi investigat

bir-reqqa minn din l-Onorabbli Qorti, okkorrendo fil-gudizzju taghha ta' Qorti ta' Prim Istanza in materia kostituzzjonali;

"12. Illi jezisti dubju serju dwar il-legalita` u validita` kostituzzjonali tal-Kap. 391 tal-Ligijiet ta' Malta fih innifsu, u l-prattika odjuza ta' intercettazzjonijiet telefonici, in kwantu dawn huma lezivi tad-drittijiet fundamentali tal-Bniedem, kif sanciti fil-Kostituzzjoni ta' Malta u fil-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, partikolarment l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, u dan in segwitu` tas-Sentenzi tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Malone v. United Kingdom** u **Amann v. Switzerland**, u ghaldaqstant jehtieg li dan il-punt jigi investigat bir-reqqa minn din l-Onorabbli Qorti, okkorrendo fil-gudizzju taghha ta' Qorti ta' Prim Istanza in materja kostituzzjonali;

"13. Illi essenzjalment, il-konsulenti legali tal-eccipjenti spjegawlu illi din il-kwistjoni, illi hija ta' natura legali, hija essenzjali fil-harsien tad-drittijiet fundamentali tac-cittadin, senjatament id-dritt ta' privatezza u d-dritt ghal difiza xierqa fi proceduri kriminali, u hija intiza sabiex, f'socjeta` demokratika, tassigura illi hadd, lanqas il-Kap tas-Servizzi ta' Sigurta`, ma jkun 'il fuq mil-ligi u l-istess eccepjenti jaghmel tieghu l-argomentazzjoni legali tal-konsulenti tieghu."

Rat is-sentenza moghtija minn din il-Qorti fis-7 ta' Mejju 2010, li in forza taghha cahdet l-eccezzjoni tal-konvenut Marco Pace dwar il-kompetenza tal-ewwel Qorti li tisma' u taqta' l-kawza (l-eccezzjoni numru 2), u ordnat it-tkomplija ta' smiegh fuq il-meritu mill-ewwel Qorti;

Rat is-sentenza finali moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-1 ta' Marzu 2011, li in forza taghha cahdet it-talbiet tal-attur, u ordnat l-ispejjez, hlief dawk li dwarhom gia` nghatat decizjoni fis-sentenza tas-7 ta' Mejju 2010, ghandhom jithallsu mill-attur;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"11. Il-qorti tifhem illi l-prinċipju ewlieni li għandu jirregola din il-vertenza essenzjalment huwa illi fi stat ta' dritt ma hemm ebda setgħa pubblika li ma hijiex ġejja mil-liġi, illi kull setgħa pubblika għalhekk għandha tiġi eżerċitata kif tgħid u trid il-liġi, u illi l-organu li huwa fdat mill-Kostituzzjoni bil-ġurisdizzjoni biex jara jekk il-liġi tħarsitx – u jekk setgħa ġietx effettivament eżerċitata kif tgħid u trid il-liġi jew le – hija l-qorti. Il-kelma ta' uffiċjal pubbliku li hu mexa kif trid il-liġi ma hijiex biżżejjed biex ixxejjen din il-ġurisdizzjoni tal-qorti u biex iċaħħad lill-individwu mill-jedd ta' aċċess għall-qorti – jedd garantit taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali.

"12. Għalhekk kull dispożizzjoni ta' liġi li tagħti setgħa pubblika għandha tinqara u tiftehemm fid-dawl ta' dan il-prinċipju kostituzzjonali u kull interpretazzjoni li tmur kontra dan il-prinċipju – fil-każ tallum, kull interpretazzjoni li żżomm lill-qorti milli tistħarrreġ dwar jekk il-Kap tas-Servizz tas-Sigurtà kellux mandat jew, għax ma kellux mandat, mexiex bi ksur tal-liġi – hija jew interpretazzjoni ħażina jew inkella interpretazzjoni tajba ta' liġi anti-kostituzzjonali.

"13. Billi l-preżunzjoni hija illi l-leġislatur ma jgħaddix liġijiet li jiksru l-Kostituzzjoni, il-qrati ordinarji għandhom dejjem ifittxu li jagħtu lil-liġi ordinarja interpretazzjoni konformi mal-Kostituzzjoni u, meta dan ma jkunx possibbli, għandhom jagħmlu referenza lill-qorti ta' kompetenza kostituzzjonali.

"14. L-art. 6(2) tal-Kap. 391 igħid hekk:

"" **6.** (2) Ebda interċettazzjoni ta' jew interferenza ma' komunikazzjonijiet fil-kors tat-trasmissjoni tagħhom bil-posta jew bi l-mezz ta' sistema ta' radjokomunikazzjoni jew ta' telekomunikazzjoni jew b'kull mezz ieħor ma għandu jkun kontra l-liġi jekk dan jiġi awtorizzat b'mandat maħruġ mill-Ministru bis-saħħa ta' dan l-artikolu."

“15. *A contrario sensu*, kull interċettazzjoni bħal dik tkun kontra l-liġi jekk ma tkunx awtorizzata b’mandat maħruġ taħt il-liġi u, jekk dak il-mandat ma jintweriex, il-qorti ma tkunx tista’ tgħid jekk l-interċettazzjoni tkunx kontra l-liġi jew le. Jekk il-qorti ma jkollhiex is-setgħa li tordna li jintwera l-mandat, u għalhekk li tara jekk il-liġi tħarsitx jew le, il-Kap tas-Servizz tas-Sigurtà jkun tqiegħed ’il fuq mil-liġi, ħaġa li żgur ma setgħetx tgħaddi minn moħħ leġislatur xewqan li jħares il-Kostituzzjoni, għax huwa assjomatiku illi fi stat ta’ dritt ħadd ma hu ’l fuq mil-liġi. Interpretazzjoni tal-liġi f’dak is-sens tkun bilfors interpretazzjoni ħażina.

“16. Għalhekk kienet tajba u konformi mal-Kostituzzjoni l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fis-sens illi l-qorti għandha dik is-setgħa, u kien tajjeb ukoll u kien lejali lejn il-liġi l-għemil tal-Kap tas-Servizz tas-Sigurtà li mexa kif ried dak l-ordni.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab illi din il-Qorti joghgobha:

“…thassar u tirrevoka s-sentenza appellata moghtija mill-Onorabbli Qorti Prim Awla tal-Qorti Civili fl-1 ta’ Marzu 2011, fil-kawza fl-ismijiet premessi u dan bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati.”

Rat ir-risposta tal-Appell tar-Registratur, Qrati u Tribunali Kriminali li in forza taghha rregistrata li s-sentenza appellata hija gusta u ekwa u timmerita konferma;

Rat ir-risposta tal-Appell tal-konvenut Marco Pace li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, iddikjara li s-sentenza tal-ewwel Qorti hija gusta u timmerita konferma;
Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi din hi kawza ta’ natura legali imsejsa fuq provvedimenti tal-Att dwar is-Servizz ta’ Sigurta` (Kap. 391 tal-Ligijiet ta’ Malta). Il-konvenut Marco Pace ghaddej proceduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), u fil-kors tas-smiegh tal-provi tal-prosekuzzjoni gie esebit *compact disk* li jikkontjeni diskursata fuq it-*telephone* bejn l-akkuzat u terza persuna. Din l-intercetazzjoni telefonika saret, allegatament, bis-sahha ta’ Mandat rilaxxat mill-Ministru responsabbli mis-Servizzi tas-Sigurta` kif awtorizzat bil-fuq imsemmija ligi. Il-Qorti tal-Magistrati, b’digriet tal-14 ta’ April 2008, ordnat l-esebizzjoni tal-Mandat, li eventwalment gie esebit. L-Avukat Generali talab li dik l-ordni tal-Qorti tal-Magistrati tigi dikjarata illegali, peress li ma kellha ebda setgha taghti tali ordni, u li jkun awtorizzat jirtira l-istess Mandat.

L-ewwel Qorti cahdet it-talba tal-Avukat Generali, li ressaq appell ghal quddiem din il-Qorti. L-aggravji tieghu huma duplici: (i) dawn il-proceduri ma humiex ta’ natura kostituzzjonali u allura l-ewwel Qorti kellha ssegwi l-ligi minghajr ma tidhol biex tikkunsidra jekk l-ordni tal-Qorti tal-Magistrati kienitx jew le konformi mal-Kostituzzjoni; u (ii) li l-ligi, fl-Artikolu 18 tieghu, espressament jipprojbixxi s-smiegh ta’ provi dwar jekk ikunx jew le inhareg Mandat ta’ din ix-xorta.

Trattat l-ewwel aggravji, din il-Qorti tara’ li ghalkemm hu minnu li din il-kawza mhux ta’ natura kostituzzjonali, fejn si tratta mil-liberta` tal-individwu, mhux projbit li l-ligijiet in materja jigu moqrija u interpretati fil-kuntest ta’ dak li tipprovdi l-Kostituzzjoni dwar il-libertajiet tal-persuna, specjalment ir-regoli intizi li persuna akkuzata b’reat ikollha smiegh xieraq. Fuq kollox, id-dritt ta’ persuna li jkollha smiegh xieraq huwa principju naturali ta’ dritt u anke l-ligi amministrattiva hija mmirata lejn dan il-ghan. Il-principju ta’ dritt amministrattiv li kull diskrezzjoni moghtija lil xi awtorita` pubblika, anke jekk indikata f'termini l-aktar wisghin, hija dejjem sindakabbli mill-qrati, hu principju ta’ gustizzja naturali bazat fuq ir-rispett lejn il-persuna tal-individwu. Il-kaz in ezami jidhol biex ikun ikkunsidrat bhala att amministrattiv, u ghalkemm din il-Qorti mhux se tghid, kif issottometta l-appellat Marco Pace, li *“a non-*

*justifiable administrative act"* huwa fallaci, iridu jirrizultaw cirkostanzi gravi ta' interess pubbliku (ezempju, ta' difiza nazzjonali, tradiment) biex din il-Qorti tasal biex tiddeklina l-gurisdizzjoni generali li tissindika atti amministrattivi. Kwalunkwe decizjoni jew att li, min-natura taghha, hija kapaci li tkun *reviewed* mill-qrati, ghandha tkun soggetta ghal tali skruttinju, inattez kull tentattiv mil-Legislatur li jnehhi dik id-decizjoni mill-ezami ta' dawn il-qrati.
Fil-ktieb **De Smith's Judicial Review** (6th Edit. 2007 – Woolf, Jowell u Le Sueur), jinghad f'pagna 15 illi:

*"Judicial review has developed to the point where it is possible to say that no power – whether statutory or under the prerogative – is any longer inherently unreviewable. Courts are charged with the responsibility of adjudicating upon the manner of the exercise of a public power, its scope and its substance. As we shall see, even when discretionary powers are engaged, they are not immune from judicial review. Discretion has been described as the 'hole in the [legal] doughnut', but that hole is not automatically a lawless void. Nevertheless, there are certain decisions which courts cannot or should not easily engage. Courts are limited (a) by their constitutional role and (b) by their institutional capacity."*

L-eccezzjonijiet li jkompli jispjega l-awtur ma japplikawx ghal dan il-kaz. In parallel ma' dan, din il-Qorti tghid li l-Qorti ghandha dejjem s-setgha li tistharreg dwar il-legalita` jekk mhux dwar il-meritu ta' kull decizjoni ta' korp amministrattiv. Ghalkemm ma tistax tingieb prova li jkun inhareg jew li jkun ser jinhareg Mandat, il-Qorti trid tkun sodisfatta li l-intercettazzjoni relattiva hija legali, u skont il-ligi, Artikolu 6, intercettazzjoni hija kontra l-ligi jekk ma tkunx awtorizzata b'Mandat mahrug mill-Ministru responsabbli. Ebda Qorti ma tista' tippermetti l-illegalita` u ghandha d-dmir li tara' li jekk tkun saret intercettazzjoni telefonika, b'indhil ovvju ghad-dritt ta' privatezza ta' dak li jkun, din tkun skont il-ligi.

Dan hu hekk ghax is-sistema Maltija, bhal dik Ingliza, hija bbazata fuq ir-*rule of law*. Kif jinghad fil-ktieb

"Administrative Law" ta' Wade & Forsyth (7th Edit. Pagna 24),
*"The British Constitution is founded on the rule of law, and administrative law is the area where this principle is to be seen in its most active operation. The rule of law has a number of different meanings and corollaries. Its primary meaning is that everything must be done according to law. Applied to the powers of government, this requires that every government authority which does some act which would otherwise be a wrong (such as taking a man's land), or which infringes a man's liberty (as by refusing him planning permission), must be able to justify its action as authorised by law – and in nearly every case this will mean authorised by Act of Parliament. Every act of governmental power, i.e every act which affects the legal rights, duties or liberties of any person, must be shown to have a strictly legal pedigree. The effected person may always resort to the courts of law, and if the legal pedigree is not found to be perfectly in order the court will invalidate the act, which he can then safely disregard."*
(Enfasi ta' din il-Qorti)

Dan hu preciz dak li riedet taghmel il-Qorti tal-Magistrati f'dan il-kaz, agir li din il-Qorti qed tissanzjona. Sa zgur minn zmien il-famuza sentenza "**Anisminic**" (deciza mill-House of Lords fl-Ingilterra fl-1969), dawk l' hekk imsehja *'ouster clauses'* ma jservux biex iwaqqfu lill-Qorti milli tara' li, tal-anqas, kull att tal-Gvern ikollu bazi fil-ligi. Dan hu principju fundamentali ta' dritt.

Din il-Qorti taqbel ma' dak li gie sottomess quddiem il-Qorti tal-Magistrati mill-appellat Marco Pace, meta saret riferenza ghall-kummentarju Ingliz ghal-ligi penali tal-Ingilterra, fejn il-ligi Maltija ssib l-origini taghha. Saret referenza ghal "Archbold" (Edit. 2008) li rrifera ghal opinjoni li kienu taw il-House of Lords fl-Ingilterra fl-2005 fis-sens li dik l-istituzzjoni irragunat li *"it would be absurd that there could be no inquiry as to whether an interception was lawfully authorised or not, and as to whether or not the interceptor's conduct was excluded from criminal responsibility".* Din il-Qorti tirraferma li l-qrati Maltin ghandhom gurisdizzjoni inerenti jissindikaw il-

legalita` ta’ kull att amministrattiv, u ebda ligi ma tista’ tigi interpretata b’mod li twassal lil Qorti ma jimpurtahiex dwar jekk agir amministrattiv huwiex legali jew le.

Din il-Qorti, fil-kawza **General Workers Union v. Bank of Valletta plc,** deciza fid-19 ta’ Jannar 2010, kienet ghamlet taghha decizjoni anterjuri fejn jinghad:

*“Illi ghalhekk wiehed jista’ jikkonkludi illi att diskrezzjonali ta’ ufficjal jew korp amministrattiv jista’ jigi sindakat mill-Qorti fis-sens biss li t-tribunal jara jekk l-att hux legali (“within the terms of the statute”), jekk gewx osservati l-proceduri mehtiega (“complied with regulations”) u jekk l-ezercizzju tad-diskrezzjoni kienx “fair and honest”. Il-Qorti ma tistax pero`, tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha, bhala opportunita` jew espedjenza, ghal dik tal-ufficjal jew tal-korp li jkun.” (**Neg. Ugo Pace v. Prof. Joseph Anastasi Pace noe** deciza fl-1 ta’ Mejju 1946 mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili Vol. XXXII-II-317 li kienet dwar stharrig gudizzjarju tal-War Damage Commission).”*

Jekk att hux legali jew le jidhol fil-mansjonijiet generali ta’ dawn il-qrati, mansjoni inderrogabbli ghax qatt ma jista’ jigi prezunt li l-Legislatur ried jillegalizza u jippermetti l-illegalita`

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, u ghal dawk imfissra mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, tiddisponi mill-appell interpost mill-attur Avukat Generali billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez, hlief dawk li dwarhom gia` nghatat decizjoni fis-sentenza tas-7 ta' Mejju 2010, ghandhom jithallsu mill-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------